MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Numru. 904/2002

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
VS
MARY ANTOINETTE VELLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mary Antoinette Vella mart il-mejjet Michael, bint Anthony Buttigieg u Mary nee Vella, imwielda Qala Ghawdex fil-5 t'April 1944 u residenti 6, Triq San Publiju, San Pawl il-Bahar ID Nru 36544G talli f'dawn il-gzejjer bejn it-28 ta' Mejju 1999 u l-24 ta' Jannar 2002 bhala detentur jew amministratur tal-fond nru 6, Triq San Publiju, San Pawl il-Bahar, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li wiehed seta kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, kkommettiet serq ta' kwantita ta' dawl elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq jammonta

ghal mitejn u disgha u tletin lira maltin u 77 centezmu u 6 millezmi (Lm239.77,6) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont.

Barra minnhekk fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, cioe meter tad-dawl, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tikorrix il-hamsin lira maltin (Lm50) ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-31 ta’ Janna 2003 fejn l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha u ddikjarat illi hallset l-ammont kollu dovut.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 267, 263, 264, 270 u 328 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------